MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 44/2006

Mario Galea u John Saliba

vs

L-Avv. Joseph Grech bhala rapprezentant tal-Koperattiva Ghawdxija produtturi tal-Gbejniet Limitata u b'digriet tat-Tribunal tad-19 ta' Dicembru 2006 gie ordnat il-kancellament tal-kliem "l-Avv. Joseph Grech bhala rapprezentant tal-"

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba tal-atturi Mario Galea u John Saliba li jghid hekk :

"Peress illi l-atturi Mario Galea ta' Merhba, Triq Arcipriet Gamri Camilleri, Gharb, bil-karta tal-identita' numru 25167(G) u John Saliba ta' 74 Triq il-Kapillan Guzepp Hili, Fontana, Ghawdex, 11845(G) kienu taw depozitu ta' mitt lira (Lm100) kull wiehed wara li intalbu sabiex jaghmlu dan sabiex tkun tista tigi ifformata koperattiva tal-

produtturi tal-gbejniet u dan kif ser jigi provat waqt il-mori tal-kawza kif ukoll kif jidher mill-ricevuta hawn annessa u mmarkata Dok. AF1

Peress illi dan id-depozitu kienu ghamluh ukoll bosta membri prospettivi fejn kienu iddepozitaw mal-Avv. Aaron Attard Hili l-stess bilanc.

Peress illi l-maggjoranza tal-membri ilhom illi hadu lura din is-somma ghaliex il-Koperattiva baqghet ma fformatx ruhha u meta l-atturi talbu sabiex jiehdu id-depozitu lura minghand ir-rapprezentant tal-koperattiva l-Avv. Joseph Grech bhal ma ghamel haddiehor, dan baqa’ inadempjenti anke’ wara illi intbaghtitlu ittra legali datata 25 ta’ Lulju 2006 u ittra ufficjali hawn annessi u mmarkati Dok. AF2 u AF3 rispettivament.

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu bir-rispett sabiex id-depozitu ta’ mitt lira kull wiehed tintradd lura lilhom.

Bl-ispejjez u l-imghax dekorribbli skond il-ligi.”

Ra r-risposta tal-konvenut tad-19 ta’ Dicembru 2006, fejn iddikjara li huwa mhuwiex il-legitimu kontradittur tal-kawza ordjerna.

Ra d-dokumenti kollha esibiti.

Sema’ l-provi kollha tal-partijiet.

Fil-mori tal-kawza gie saldat l-ammont mitlub mill-atturi wara li l-Koperattiva konvenuta rnexxielha tohrog il-flus mill-Kont li ghandha mal-APS Bank Limited, u l-atturi zammew ferm it-talba taghhom ghall-hlas tal-ispejjez tal-kawza.

Ikkunsidra :

Mill-provi jirrizulta li l-Koperattiva konvenuta qatt ma rrifjutat li thallas lill-atturi l-flus li qeghdin jitolbu li jigu rifuzi lilhom, izda minhabba li l-persuni tal-kumitat li kienu rikonoxxuti mill-APS Bank Limited fejn huma depozitati l-

flus tal-Koperattiva, bhala l-persuni li ghandhom ir-rapprezentanza legali tal-Koperattiva u bhala l-persuni awtorizzati li johorgu flus mill-Kont relattiv u jiffirmaw ic-cekkijiet, kienu maz-zmien inbidlu u dam ma kien gie ffurmat kumitat gdid, il-Koperattiva ma kenitx f'pozizzjoni li thallas il-flus mitluba mill-atturi sakemm giet riorganizzata il-Koperattiva, gie ffurmat kumitat gdid, u ntaghzlu rapprezentanti godda li gew accettati mill-Bank li huma awtorizzati li jhaddmu l-Kont jew Kontijiet bankarji tal-Koperattiva, liema process kien ha ftit taz-zmien u kien minhabba din it-teknikalita' da parti tal-Bank fit-thaddim tal-Kont jew Kontijiet tal-Koperattiva li damu ma gew rilaxxati dawn ilflus, u mhux ghal xi nuqqas tal-Koperattiva, tant li kif appena l-Bank accetta t-tibdil fil-persuni awtorizzati li jhaddmu l-kont tal-Koperattiva, il-flus gew imhallsa mal-ewwel.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 u 223(3) tal-Kap.12.

Jiddeciedi ghaldaqstant li hemm raguni tajba l-ghaliex kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha u jordna ghalhekk billi jikkundanna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez relattivi taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------